



Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2016/2188(DEC)

1.3.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-
Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2015
(2016/2188(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sander Loones

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja li r-rwol tal-ESMA huwa essenzjali biex jiġu favoriti applikazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni u koordinament aħjar fost l-awtoritajiet nazzjonali, u biex jiġu żgurati stabbiltà finanzjarja, trasparenza, swieq finanzjarji integrati aħjar u aktar sikuri, kif ukoll livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur u prattiki ta' superviżjoni konverġenti f'dan il-qasam;
2. Jirrikonoxxi li, fil-fehma tal-Qorti tal-Awdituri, it-tranżazzjonijiet tal-ESMA li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jinnota, madankollu, li l-valutazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri hija qasira ħafna u toffri ftit suġġerimenti biex titjeb l-effiċjenza fil-ġestjoni tal-baġit tal-ESMA; jissottolinja li l-azzjonijiet ta' segwitu min-naħa tal-ESMA għall-kummenti li għamlet il-Qorti fir-rapporti tal-2011 u tal-2012 għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ;
3. Ifakkar li l-Parlament Ewropew serva ta' forza motriċi għall-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF) ġdida u komprensiva, inklużi t-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), biex tiġi żgurata sistema ta' superviżjoni finanzjarja aħjar wara l-kriżi finanzjarja;
4. Jisħaq fuq il-fatt li, filwaqt li tiżgura li l-funzjonijiet kollha assenjati lilha jitwettqu bis-sħiħ u fil-ħin, l-ESMA għandha żżomm rigorożament mal-kompiti assenjati lilha mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill; jemmen li l-ESMA għandha tisfrutta bis-sħiħ il-mandat tagħha biex trawwem b'mod effikaċi l-proporzjonalità fl-attivitajiet kollha tagħha; jinnota li, meta l-ESMA tkun awtorizzata tfassal miżuri ta' Livell 2 u 3, għandha tagħti attenzjoni partikolari, hija u tfassal dawn l-istandards, lill-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi swieq nazzjonali, u li l-parteċipanti tas-suq u l-organizzazzjonijiet tal-ħarsien tal-konsumatur ikkonċernati għandhom ikunu involuti bis-sħiħ f'fażi bikrija fil-proċess ta' definizzjoni tal-istandards u matul il-fażijiet ta' tfassil u implimentazzjoni;
5. Jinnota t-tnaqqis fil-baġit tal-2015 permezz ta' żewġ emendi baġitarji sussegwenti, u b'hekk l-użu razzjonali ta' fondi tal-Unjoni; jisħaq dwar l-importanza li jkunu żgurati effiċjenza, prijoritizzazzjoni u livell adegwat fir-rigward tal-allokazzjoni tar-riżorsi; jenfasizza li kull żieda potenzjali fil-mezzi tal-ESMA trid tkun akkumpanjata minn miżuri ta' prijoritizzazzjoni adegwati; jissuġġerixxi li, hekk kif ix-xogħol tal-ESMA qiegħed jinbidel dejjem aktar minn kompiti leġiżlattivi għal konverġenza superviżorja u infurzar, il-baġit tal-ESMA u l-persunal għandhom jiġu allokati kif meħtieġ;
6. Josserva bi tħassib li l-ESMA ma teżerċitax bis-sħiħ il-prerogattivi kollha tagħha stabbiliti fil-qafas ġuridiku tagħha; jenfasizza li l-ESMA għandha tiżgura li r-riżorsi huma massimizzati sabiex tissodisfa bis-sħiħ il-mandat ġuridiku tagħha; jinnota, f'dan ir-rigward, li jekk tiffoka aktar fuq il-mandat li ngħatalha mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, dan jista' jwassal biex ir-riżorsi tagħha jintużaw b'mod aktar effikaċi; jenfasizza li, waqt it-twettiq ta' xogħolha u b'mod partikolari fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni ta'

implimentazzjoni, l-ESMA jeħtiġilha li b'mod tempestiv, regolari u komprensiv tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tagħha;

7. Jikkonkludi li l-arranġament ta' finanzjament tal-ESMA għandu jiġi rivedut; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibilità li timmodifika l-arranġament ta' finanzjament attwali billi ddaħħal, b'mod xieraq u proporzjonat, tariffi kalibrati mħallsa addizzjonali mill-parteċipanti tas-suq possibbilment bħala sostituzzjoni parzjali tal-kontributi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, filwaqt li jkunu żgurati l-awtonomija u l-azzjoni superviżorja tagħha;
8. Iqis li l-minuti tal-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri u tal-Gruppi ta' Partijiet Interessati, disponibbli pubblikament, għandhom jiġu ppubblikati aktar rapidament sabiex jitnaqqas il-perjodu latenti attwali ta' massimu ta' tliet xhur bejn il-laqgħat u d-divulgazzjoni tal-minuti, u li dawn għandhom joffru stampa aħjar tad-diskussjonijiet, tal-pożizzjonijiet u tal-imġiba fil-vot tal-membri; jemmen li l-ħidma ta' kuntatt maċ-ċittadini tal-UE tista' titqawwa wkoll permezz ta' xandir dirett fuq l-Internet tal-avvenimenti, u jiddeplora l-aċċessibilità de facto inugwali ta' partijiet interessati differenti, fosthom il-Parlament Ewropew, għal dokumenti u informazzjoni mil-laqgħat interni; jilqa' l-fatt li l-ESMA waqqfet kanal iddedikat għall-informaturi.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	28.2.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 42 - : 1 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Burkhard Balz, Hugues Bayet, Esther de Lange, Fabio De Masi, Anneliese Dodds, Markus Ferber, Jonás Fernández, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Roberto Gualtieri, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Danuta Maria Hübner, Cătălin Sorin Ivan, Petr Ježek, Barbara Kappel, Georgios Kyrtzos, Alain Lamassoure, Sander Loones, Bernd Lucke, Olle Ludvigsson, Ivana Maletić, Marisa Matias, Gabriel Mato, Costas Mavrides, Bernard Monot, Luigi Morgano, Stanisław Ożóg, Dimitrios Papadimoulis, Dariusz Rosati, Pirkko Ruohonen-Lerner, Molly Scott Cato, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Paul Tang, Ramon Tremosa i Balcells, Tom Vandenkendelaere, Miguel Viegas, Beatrix von Storch, Jakob von Weizsäcker
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Eva Joly, Thomas Mann, Joachim Starbatty, Nils Torvalds
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Cécile Kashetu Kyenge